MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 276/2012

**GO plc – C22334**

**vs**

**David Russell Leivars – 29411A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' April 2012, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmin mija, ghaxar Euro tnejn u sittin centezmi (€810.62c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-

seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmin mija, ghaxar  Euro tnejn u sittin centezmi (€810.62c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------